



Glossarji u terminoloġija

Din it-taqsimha tagħti farsa ġenerali fil-qosor lejn glossarji u "teżawri" multilingwi eżistenti fil-livell Ewropew.

A B C D E F G H I J K L M N O P Q R S T U V W X Y Z

H

Habeus Corpus -faciendum et recipiendum...

"Glossarju" huwa lista alfabetika ta' termini f'qasam partikolari ta' għarfien akkumpanjata minn definizzjonijiet ta' dawn it-termini. F'każ ta' glossarju bilingwi, it-termini f'lingwa waħda huma definiti fit-tieni lingwa jew spjegati b'sinonimi jew kwazisinonimi f'lingwa oħra. Glossarju jista' jinftehem bħala li fih spjegazzjonijiet ta' kunċetti rilevanti għal ċertu qasam ta' studju jew azzjoni. Fil-qasam tal-liġi, it-terminu "glossarju" jista' jirreferi għal żewġ għodod differenti: minn naħa waħda jintuża għal lista ta' espressjonijiet bi traduzzjonijiet ipprovdut għal kull pajjiż; min-naħa l-oħra, jintuża wkoll għal lista ta' definizzjonijiet għat-terminoloġija.

Glossarji

IATE

IATE (Terminoloġija Interattiva għall-Ewropa) hija **bażi ta' data multilingwi tat-termini** li tintuża għat-traduzzjonijiet fi f'dan l-istitutazzjonijiet Ewropej.

Din tikkonsisti f'**mutur ta' tftixxija** għal espressjonijiet u frażijiet użati fl-oqsma kollha ta' attività tal-Unjoni Ewropea. Hija teħtieġ għarfien professjonali tal-lingwa mira sabiex tintuża kif suppost. Hija għodda utli ħafna għal tradutturi professjonali filwaqt li mhijiex kompletament adattata għall-pubbliku ġenerali, l-awtoritajiet ġudizzjarji jew il-professjonisti legali. Għalhekk, it-traduzzjonijiet ta' espressjonijiet u frażijiet jiddaħħlu mit-tradutturi nnifishom biex joħolqu referenzi ġodda jew iżidu dawk eżistenti. Jingħataw suġġerimenti għat-traduzzjonijiet għal bosta mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, iżda mhux għal kollha.

L-aċċess għal din il-bażi ta' *data* huwa b'xejn.

Dizzjunarju ta' sinonimi

Vokabularju tal-UE

Is-sit web tal-[Vokabularji tal-UE](#) jipprovdri aċċess għal vokabularji ġestiti mill-istitutazzjonijiet u l-korpi tal-UE. Dan jinkludi vokabularji, skemi, ontoloġiji, mudelli ta' *data* eċċ ikkontrollati. Bħala parti mill-inizjattiva tal-UE tad-*data* miftuħa, is-sit tal-Vokabularju tal-UE joffri aċċess pubbliku b'xejn għall-kontenut kollu tiegħu.

Dan it-teżawru jeżisti fi 23 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

VOKABOLARJU LEGALI MULTILINGWI KOMPARATTIV (VJM)

VJM huwa ġabra ta' reġistri tad-*data* ta' terminoloġija multilingwi u sistemi multipli (aktar minn 23 lingwa u 30 sistema legali tal-UE) li jirriżultaw minn xogħol ta' riċerka komprensiv dwar il-liġi komparattiva magħmula mill-ġuristi-lingwisti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Din il-ġabra bħalissa fiha madwar 650 reġistru tad-*data* ta' terminoloġija multilingwi (20 000 terminu) relatati mal-oqsma tal-liġi tal-familja, il-liġi tal-immigrazzjoni u, fil-futur qrib, il-liġi kriminali. Ir-reġistri tad-*data* kollha huma disponibbli permezz tal-bażi tad-*data* terminoloġika IATE.

Ir-rekords ta' *data* terminoloġika li jkollhom informazzjoni dettaljata ħafna bħal definizzjonijiet (adattati għal kull sistema legali), noti dwar il-liġi komparattiva, referenzi legali (leġiżlazzjoni, każistika, id-duttrina ta' sistemi legali nazzjonali, tal-UE u internazzjonali), id-desinjazzjonijiet differenti ta' kunċett (fl-istess lingwa u xi kultant f'lingwa differenti skont is-sistemi legali), indikazzjoni ċara tal-orijini ta' terminu (jew l-ekwivalenti funzjonali jew formulazzjoni — parafrasi), twissijiet (ħbieb foloz legali, riskju ta' konfużjoni, termini li m'għadhomx jintużaw), mapep kunċettwali li jippermettu li jidhru minnufih ir-relazzjonijiet semantiċi bejn il-kunċetti, eċċ.

Aktar informazzjoni dwar il-proġett:

- [Storja tal-proġett \(434 Kb\)](#)
- Fuljett [Vokabolarju legali multilingwi komparattiv \(2520 Kb\)](#)
- Lista ta' reġistri tad-*data* da' terminoloġija multilingwi:
 - [Liġi dwar l-Immigrazzjoni\(1747 Kb\)](#)
 - [Il-Liġi tal-Familja\(1936 Kb\)](#)
 - [Regoli ta' proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE\(1553 Kb\)](#)
- Mapep kunċettwali:
 - [Liġi dwar l-Immigrazzjoni](#)
 - Liġi tal-Familja: [Il-Filjazzjoni](#) | [Il-Liġi matrimonjali](#) | [Is-Sitwazzjoni familjari](#)

Għal aktar informazzjoni, [ikkuntattja lit-tim](#) responsabbli mill-proġett fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

L-aħħar aġġornament: 11/01/2019